Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 270/2015

Wara l-ittra ufficjali numru 2002 fl-ismijiet:

**Automated Revenue Management Services Limited (appellanti)**

**Vs**

**John Vella (appellat)**

30 ta' Gunju, 2017.

1. B'decizjoni tat-13 ta' Lulju, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqa' r-rikors li pprezentat l-appellat li bih talab li jigi dikjarat li l-pretensjoni tal-appellanta permezz ta' l-ittra ufficjali prezentata fid-19 ta' Awissu 2005 (*ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12), hi nfondat fil-fatt u fid-dritt. L-appellat kien qieghed isostni li:

   i. Il-pretensjoni tas-socjeta appellanti hi preskritta skont l-artikolu 2148, 2149 u 2156(f) tal-Kodici Civili.
   ii. Il-meter kien jinsab f'bini li kien twaqqa' u l-meter kien inghata lura lill-Enemalta.

2. Il-parti dispozittiva tad-decizjoni taqra:

   > *"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat rikorrenti John Vella bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti ntimata Automated Revenue Management Services Limited".*

   Din kienet titratta t-tezi tal-appellat li l-pretensjoni tas-socjeta appellanti kienet preskritta.

3. Is-socjeta appellanti appellat u l-aggravji huma bazikament kritika dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti.

4. L-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. **Fatti.**

i. Ir-rikorrent (John Vella) kellu l-provista tad-dawl u ilma fil-fond 9, Shop, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar.
ii. Fit-23 ta' Ottubru, 2011 inhareg kont tad-dawl u ilma ghas-somma ta' €3,666.73. Kont li jkopri l-perjodu mill-5 ta' Gunju, 2010 sal-5 ta' Ottubru, 2010.
iii. Ir-rikorrent applika sabiex jitnehha l-meter tad-dawl. Mid-dokument a fol. 16 jidher li l-applikazzjoni saret fit-23 ta' Frar, 2012. Fl-istess dokument hemm ukoll notament *"11.04.2012… Device action not possible, since device or installation is disconnected"*.
iv. Permezz ta' ittra datata 28 ta' Gunju, 2013 (fol. 15), l-appellanti talbet lill-appellat sabiex ihallas is-somma ta' disat elef u tlett ewro u tmien centezmi (€9,003.08). Fl-istess ittra jinghad: *"We were informed that water meter M13200 that was installed on above mentioned premises is no longer on site. No official application has been made to remove meter. Therefore meter was closed from our system and €1500 missing meter charges were debited on above account"*.
v. Fid-19 ta' Awissu, 2015 is-socjeta appellanti pprezentat ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) li biha sejhet lill-appellat sabiex ihallas is-somma ta' €9,015.08 bhala hlas dovut *"… ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-Ammont skont il-Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utli bin-numru 101000182029 ossia dwar il-fond bl-indirizz 9, Shop, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar …."* Fis-26 ta' Awissu, 2015 l-appellat kien notifikat bl-ittra ufficjali[1]. L-ittra ufficjali giet prezentata *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12.
vi. L-appellat xehed li qabel l-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu, 2015 qatt ma kien ircieva xi att gudizzjarju iehor fir-rigward tal-pretensjoni tal-appellanti. Verzjoni li ma giex kontradetta.

**Konsiderazzjoni.**

6. L-artikolu 466 tal-Kap. 12 jipprovdi ghall-procedura specjali ghall-hlas ta' krediti tal-Gvern. Provvediment li japplika wkoll:

> *" ….. fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter".*

[1] Ghalkemm fl-atti m'hemmx kopja tal-ittra ufficjali, il-qorti rat l-original tal-ittra ufficjali gialdarba hemm riferenza ghaliha fl-atti.

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-appellat kien ta l-avviz li jissemma fil-proviso.

7. Jidher li bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li t-terminu ta' preskrizzjoni li japplika hu dak kontemplat fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

8. Meta l-ewwel qorti kkunsidrat jekk il-pretensjoni tal-appellata kinitx preskritta, irragunat:

> *"Illi d-dokument RB1 huwa statement of account li l-ewwel entrata tieghu tmur lura ghall-04 t'Ottubru 2008. Illi l-entrati l-ohra kollha li saru sa meta sar pagament ta' €55 u cioe' fl-14 ta' Frar 2012 regghu gew kollha ripetuti fil-kont kollha bid-data tat-22 ta' Lulju 2012. In oltre l-istess entrati kollha jgibu d-data tas-07 ta' Novembru 2011, ghajr iz-zewg entrati ta' qabel li jgibu d-data tat-13 t'April 2010 u 20 t'Ottubru 2010. Izda huwa ovvju li dawn huma l-istess entrati li jinsabu fuq quddiem ta' dan l-istatement u jmorru lura ghall-anqas ghat-13 t'April 2010.*
>
> *Il-hlas tal-€55 jirreferi ghall-talba ghat-tnehhija tas-servizz, dan skond id-Dokument RB3. Ghalhekk suppost illi la fil-kont fid-09 ta' Marzu 2012 tnizzlet entrata ohra fejn il-kont gie debitat bis-somma ta' €55, allura wiehed jifhem li dakinhar tnehha s-servizz u ghalhekk il-kont ma kellux jibqa' jizdied la darba ma kienx hemm servizz. Izda l-istatement of account juri mod iehor, ghaliex barra li l-kont rega' gie addebitat bl-entrati kollha ta' qabel dik id-data, l-kont kompla jizdied b'diversi entrati illi l-bicca l-kbira taghhom huma indikati bhala "invoicing" minghajr l-ebda spjegazzjoni ta' f'hiex jikkonsisti dan l-invoicing….*
>
> *Illi ghalhekk id-data li trid titlaq minnha l-Qorti hija d-data ta' l-ittra ufficjali li r-rikors promotur jghid li kienet tad-19 t'Awissu 2015.* ***Allura bil-preskrizzjoni ta' hames snin taht l-Artiklu 2156 wiehed imur lura ghad-19 t'Awissu 2010. Illi l-kont stima jkopri perjodu li jibda mill-05 ta' Gunju 2010 u ghalhekk aktar minn hames snin qabel gew inizjati l-proceduri odjerni. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li mill-provi prodotti l-itwal preskrizzjoni eccepita u cioe' dik ta' hames snin giet pruvata. Din il-Qorti ghalhekk mhix se tidhol fil-preskrizzjonijiet l-ohra eccepiti***".

9. Il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li l-pagament li sar fl-24 ta' Frar, 2012 sar in konnessjoni mal-applikazzjoni ghat-tnehhija tas-servizz (fol. 17). F'dan il-kuntest fl-ahhar tal-applikazzjoni jinghad li l-hlas ghat-tnehhija ta' kull meter hu ta' hamsa u hamsin ewro (€55) [fol. 18]. Ghalhekk l-appellanti m'ghandhiex ragun meta qalet li l-ahhar pagament sar fl-24 ta' Frar, 2012. Hu evidenti li dak il-pagament ma kellu x'jaqsam xejn ma' kontijiet ghall-konsum u uzu ta' meters, u ghalhekk ma jistax iservi ghall-iskop ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 2134 tal-Kodici Civili.

10. Pero' l-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li l-azzjoni tas-socjeta appellanti hi preskritta fl-intjier taghha. Dak li effettivament hu preskritt jirrigwarda l-pretensjoni sat-18 ta' Awissu, 2010. Dak li jista' jkun dovut fir-rigward ta' konsum u meters mid-19 ta' Awissu 2010 'il quddiem, ma jistax ikun preskritt. Bl-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu, 2015 sehhet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

11. Hu minnu li l-kont tat-23 ta' Ottubru, 2011 huwa bazat fuq stima u fuq hemm stampat il-kliem *"FOR YOUR RECORDS ONLY"*. Pero' l-qorti ma tarax li dan il-fatt jista' jkollu mpatt fuq il-mod kif tigi deciza l-kwistjoni dwar jekk l-azzjoni tal-appellanti hijiex preskritta. Wiehed per ezempju jista' jargumenta li l-ammont pretiz ghall-konsum ta' dawl u ilma mhuwiex dovut ghaliex bazat fuq stima. Pero' semmai dak hu argument li jrid isir meta jigi kkunsidrat il-meritu u mhuwiex rilevanti biex jigi determinat jekk l-azzjoni hijiex preskritta.

12. Gialadarba l-ewwel qorti laqat it-talba tal-appellat biss minhabba l-preskrizzjoni estintiva (ara l-parti dispozittiva tad-decizjoni), dak li setat qalet dwar il-meritu fil-motivazzjoni ma torbotx lill-partijiet. Ghalhekk m'hemmx htiega li l-qorti tikkunsidra l-ilmenti tas-socjeta appellanti ghaliex per ezempju l-ewwel qorti fil-motivazzjoni qalet:

i. Li l-kont Dok. RB3 huwa stima u ghalhekk mhuwiex kont proprju;
ii. Li r-rendikont a fol. 11 huwa "... dikjarazzjoni tal-istat li fih jinsab il-kont. Ma huwiex talba ghall-hlas".
iii. Li l-kont a fol. 11 ma jissemmiex fir-rendikont RB1[2].

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tilqa' parzjalment l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq, thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Lulju, 2016 u minflok:**

**i. Tiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta appellanti fir-rigward ta' hlasijiet li jistghu jkunu dovuti sat-18 ta' Awissu, 2010 fuq il-kont numru 101000182029 huma preskritti skont l-artikolu 2156(f);**

**ii. Tiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta appellanta ghall-hlas li jista' jkun dovut mid-19 ta' Awissu, 2010 'l quddiem fuq l-istess kont, mhijiex preskritta skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.**

**Spejjez kollha nkluzi dawk tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu ghal 20% a karigu tas-socjeta appellanti u 80% a karigu tal-appellat, mehud in konsiderazzjoni li l-preskrizzjoni estintiva tolqot biss parti zghira mill-kreditu pretiz mir-rikorrenti.**

**Tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.

---

[2] Jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata ghaliex fir-rendikont tissemma s-somma ta' €1,002.54 li hi c-cifra identika li tissemma fil-kont tat-23 ta' Ottubru, 2011 (fol. 23).